MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 335/2014

**Ivan AZZOPARDI fil-kwalita tieghu ta' amministratur ta' Sikasa Flat Owners Association**

**Vs**

**Natalia Menshova u b'digriet datat 14 ta' Novembru, 2014 it-Tribunal ordna li kull fejn hemm il-kunjom tal-intimata miktub bhala Menskova jew Menokova kellu jigi jaqra Menshova**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti nomine mressqa fl-20 ta' Mejju, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimata thallasu s-somma ta' elf hames mija tmienja u disghin euro u sebghin centezmi ta' euro [€1598.70c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Thallas is-somma ta' elf hames mija u tmienja u disghin Euro u sebghin centezmu (€1,598.70) rapprezentanti s-sehem tieghek minn kontribuzzjonijiet ghall-amministrazzjoni tal-partijiet komuni tal-block ta' appartamenti bl-isem Sikasa, gewwa l-Msida, u dan ghas-snin 2012 u 2013, kif ukoll hlas ghall-kontijiet tas-servizzi, aktar specifikatament dawl u ilma, kif ukoll penalitajiet, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
>
> Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata Novembru, 2012 u bl-imghax legali mid-data tal-imsemmija ittra, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Ivan Azzopardi li kkonferma li l-ammont reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ra li Dr. Tanya Sciberras Camilleri ddikjarat li r-rikorrenti nomine ma kellux provi aktar xi jressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti nomine qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elf hames mija tmienja u disghin euro u sebghin centezmi ta' euro [€1598.70c] liema ammont jirrapprezenta sehem l-intimata minn kontribuzzjonijiet ghall-amministrazzjoni tal-partijiet komuni tal-blokk ta' appartamenti bl-isem Sikasa, gewwa l-Msida, u dan ghas-snin 2012 u 2013, kif ukoll hlas ghall-kontijiet tas-servizzi tad-dawl u l-ilma u penalitajiet.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti nomine xehed llum stess li l-ammont reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

> (b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimata giet notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti nomine hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnu ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti nomine huwa dovut mill-intimata.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti nomine kif kontenuta fit-Talba tieghu u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta' elf hames mija tmienja u disghin euro u sebghin centezmi ta' euro [€1598.70c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' l-ittra ufficjali pprezentata f'Novembru, 2012, sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata f'Novembru, 2012, huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------